MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1172/2001/1

**Id-Direttur tas-Sigurta Socjali**

**Vs**

**Michelle Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ mija u tmienja u disghajn lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm198.56), rimbors ta’ hlas indebitament moghti bhala ghajnuna socjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret.

Ra n-nota pprezentata fit-22 ta’ Ottubru 2002 u li permezz taghha l-attur irrinunzja ghall-meritu stante hlas da parti tal-konvenuta u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konsjizzjoni tal-meritu stante hlas, jikkundanna lill-konvenut thallas l-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali].

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**